MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 455/2001/1

**Charles Zammit**

**vs**

**Gianfranco Rega**

**It-Tribunal,**
Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm712.24c (seba' mija u tnax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) dovuti bhala danni lill-attur in rigward tal-incident stradali li gara f'Zinzell Street, Qormi fis-16 ta' Lulju, 1999 meta l-vettura Numru ta' Registrazzjoni DBE 885 misjuqa mill-konvenut Gianfranco Rega, habtet gol-vettura Numru ta' Registrazzjoni BAE 951 misjuqa minn Charles Zammit u dana minhabba traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru, 1999, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali pprezentata

kontestwalment fid-data ta' l-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Dak li qed jitlob l-attur ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali "de quo" kien jahti unikament hu.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-kaz in dezamina jikkoncerna kollizzjoni bejn vettura li kienet hierga minn parked position tal-attur, u vettura li gejja minn direzzjoni li suppost hija projbita tal-konvenut peress li hija kontra l-'one way' u allura l-access huwa eskluz.

Kif stqarr l-attur peress li t-triq kienet 'one way' ta' bilfors thares lura ghat-traffiku li gej minn wara, minn quddiem suppost ma jigi xejn! Xorta wahda biedem jaqla bil-galbu biex ikun f'posizzjoni li jesplora t-triq. Lil Pulizija nvestigattiv il-konvenut stqarr li ma kienux jidhru t-tabelli. Hemm kontestazzjoni jekk effettivament dan kienx vizibbli jew ostakolati.

Il-konvenut ma tax ix-xhieda tieghu peress li jinsab permanentement imsiefer.

Tezisti tendenza li f'kazijiet simili, jigu similarment applikati bl-istess rigorosita' l-principji u regoli normali daqs li kieku ma kien hemm l-ebda projbizzjoni u/jew menomazzjoni tad-drittijiet. X'ghandu wiehed jistenna minghand xufier li huwa pparkjat pero' t-triq hija maghluqa ghat-traffiu minn wahda miz-zewg direzzjonijiet! Irid jopera daqs li kieku t-triq topera fiz-zewg direzzjonijiet? X'inhu l-iskop allura tal-'one-way' jew 'no entry'? Veru li ssir differenza a rigward ta' passi jew civili jew kriminali pero' ghandha ssir din id-distinzjoni! Jirrizulta allura li l-oneru jkun akbar minn, jew unikament ta' dak li qed jopera skond ir-regolamenti

mentri l-posizzjoni ghandha tkun l-invers! Jekk ma kellux dritt li jidhol f'dik it-triq partikolari, allura ma kellux jidhol. Jekk bid-dhul tieghu gie kagunat sinistru ghax kieku qaghad ghar-regolamenti ma kienx jissucciedi s-sinistru, allura ghandu jkun tenut responsabbli. Veru li l-attur kien qed jaqla minn parking pero' jirrizulta li ha l-prekawzjonijiet li suppost kellhu jiehu, ossia dawk li wiehed jiehu f'cirkostanzi simili. Ma ghandhux jigi pretiz daqs li kieku t-triq hija 'two-way'.

Relattivament ghal quantun tad-danni dana ma giex kontestat stante li r-riparazzjonijiet gew esegwiti a tenur tas-survey maghmul mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi fil-waqt li jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm712.24c (seba' mija u tnax-il lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu) in linea ta' danni konsegwiti bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-presentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**